MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Numru 410/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARISA CAMILLERI**
**SPETTUR RAYMOND D'ANASTAS**

**VS**

**SIMON PARNIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Simon Parnis, ta' 40 sena, bin Anthony u Annie nee' Pace, imwieled tal-Pieta', nhar l-1 ta' Marzu, 1966, residenti gewwa l-fond imsejjah Bella Vista, Triq l-Imdina, Attard, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 135966 (M);

Akkuzat talli nhar id-29 ta' April, 2006, ghall-habta tal-erbgha u kwart ta' fil-ghodu, gewwa Haz-Zebbug, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija izjed minn hamsin lira maltin (Lm50.00), imma ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00), liema hsara saret ghad-dannu tal-familja Briffa minn Haz-Zebbug;

U aktar talli fid-29 ta' April, 2006 ghall-habta tal-erbgha neqsin ghoxrin ta' fil-ghodu, gewwa s-Siggiewi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00), imma izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), liema hsara saret ghad-dannu tal-familja Vella mis-Siggiewi,

U aktar talli fl-istess datat, ghall-habta tal-erbgha neqsin ghoxrin, u ukoll ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' fil-ghodu, ghalkemm minghajr il-hsieb li jaghmel reat iehor, dahla fil-fond numru 30, Triq il-Ghid, Siggiewi, fejn joqghodu il-familja Vella, u dan wara li gie mwissi li ma ghandux jidhol, kif ukoll bi hsara tad-detentur, ghamel vjolazzjoni kontra il-proprjeta' tal-familja Vella;

U aktar talli hedded bil-kliem lill-membri tal-familja Vella mis-Siggiewi;

U aktar talli fis-Siggiewi, ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' fil-ghodu, saq jew ipprova jsuq, jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAU 883 fi triq jew post pubbliku, meta kien taht l-influwenza ta' xorb jew drogi;

U kif ukoll talli nhar id-29 ta' April, 2006, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' fil-ghodu, fil-Kwartieri Generali tal-Pulziija, naqas jew irriffjuta li jaghti kampjun tan-nifs skond il-Ligi.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri tal-proceduri wara li ngahta zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 325, 339(e), u 340(d), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 15 A u 15 B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Simon Parnis hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna il-hrug ta' garanzija fil-konfront tal-familji Briffa u Vella, *ai termini* tal-Artikolu 383, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu ta' sena (1), taht penali ta' mitt lira maltin (Lm100.00).

*Inoltre* tikkundanna lill-istess imputat ghal hals ta' multa fl-ammont ta' Lm200.00 (mitejn lira maltin), liema multa tista' tithallas fi zmien tlitt (3) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------